# Kuntatt
## ...ma' l-iskola t'ibnek

Mejju/Ġunju '08

Messaġġ mill-Kap ta' l-Iskola

### Ilkoll ulied ...

... B'aktar minn 700 student minn tant ieħor familji u minn tmien irħula differenti d-differenzi ma jonqsux. Xi kultant dawn id-differenzi ma naċċettawhomx għax jidhrilna li tagħna biss tajjeb. Nimponu lilna nfusna u nippruvaw neskludu lill-oħrajn. Aħna u huma, tajbin u ħżiena, għandna dritt u m'għandniex dritt, jew aħna jew xejn.

... Min qal li tagħna biss hu tajjeb? Ta' l-oħrajn jista' jkun tajjeb ukoll. Min qal li tajjeb wieħed biss hemm? M'għandux għalfejn ma nsibux mezz kif ngħixu ma' xulxin. Ħadd ma jista' jgħix waħdu iżda dan ma jfissirx li l-oħrajn iridu jkunu bħalna. Kull wieħed minna hu differenti mill-oħrajn, iżda aħna m'aħna xejn aktar mill-oħrajn u l-oħrajn m'huma xejn aħjar minna ...

... Allura għalfejn il-piki bla rażan fi ħdan l-istess familji, fi ħdan l-istess raħal bejn irħula li jifirduhom biss xi tomna raba' u xi ħajt tas-sejjieħ. Niġġieldu bejnietna għax ma nagħrfux li d-differenzi m'humiex xi ħaġa ħażina. Id-differenzi jagħmlu l-istampa aktar kulurita, sħiħa u sabiħa. Iżda l-ewwel irridu naċċettawhom mhux nimbuttaw lill-oħrajn 'il bogħod minna għaliex inkunu qed inkabbru d-distanzi ta' bejnietna ...

... Noħolqu oċean fejn hemm għadira ... noħolqu qaddisin iktar qaddisin minn oħrajn ... infarrku flok ngħaqqdu ... inbiegħdu flok inqarrbu ... F'dinja li aktar ma jmur aktar qiegħda ssir raħal wieħed globali aktar hemm bżonn li naċċettaw lill-oħrajn bħala aħwa. L-aħwa kollha differenti iżda kollha ndaqs ... kollha ulied ...

L-iskola hi okkażjoni tajba fejn filwaqt li niskopru d-differenzi ta' bejnietna nitgħallmu ngħixu ta' aħwa. Ilkoll differenti, ilkoll indaqs ... ilkoll ulied ta' l-istess Missier.

J. Micallef

Kap ta' l-Iskola

Tel: 21642427 Fax: 21642423
Email: sanbenedittu.bco@gov.mt
Website: http://schoolnet.gov.mt/kulleggsanbenedittubco

## Editorjal - Responsabbiltà tagħkom

Meta konna żgħar konna ngħidu li la jiġi s-sajf u mmorru ngħumu l-ewwel darba, hekk kif naqbżu fil-baħar għal rasna naraw li nħallu fil-qiegħ dak kollu li jkun dejjaqna tul dik is-sena. Hekk konna nagħmlu, u konna nitilgħu fil-wiċċ ferħanin u friski, bħallilkieku meħlusin minn xi ġebla tqila li kienet ilha ttaqqalna żmien.

X'se nħallu fil-qiegħ dan is-sajf? X'inhu dak li qed itaqqalna u nixtiequ li s-sena dieħla, la nerġgħu nidħlu l-iskola, ma jkunx aktar magħna? Se nħallu dak kollu li din is-sena għallmitna? Jew inkella se nħallu warajna dak li għarafna li kien ħażin biex ma nerġgħu nirrepetuh qatt aktar?

Ir-responsabbiltà tagħna l-adulti hija kbira ħafna. Il-prietki ma jgħoddux daqskemm tgħodd l-imġiba tagħna. Fl-iskola r-responsabbiltà ta' wliedkom naqsmuha magħkom, iżda fil-vaganzi r-responsabbiltà tkun kollha kemm hi tagħkom. Tħalluhomx jintelqu mal-kurrent il-ħażin. Araw ma' min joħorġu u kemm idumu bil-lejl. Tinsewx li wliedkom għadhom m'humiex adulti! Agħtuhom il-ħin li jgawdu, għaliex kulħadd ħaqqu l-mistrieħ, imma tħalluhomx jinsew li huma jagħmlu parti minn dinja li lkoll nixtiequ li għada tkun aħjar milli hi llum.


| | |
|---|---|
| Bord Editorjali: | G. Micallef (Asst. Kap), D. Agius Muscat, P. Callus, M. Zahra Sacco |
| Issettjar: | P. Callus, A. Galea |
| Disinn: | R. Mamo |


## Bejgħ ta' uniformijiet

Xi ġenituri staqsewna jekk jistgħux isiru xi arranġamenti sabiex ikunu jistgħu jixtru partijiet mill-uniformi minħabba li dawn tqattgħu, ttebbgħu jew m'għadhomx jiġuhom tajjeb. Għaldaqstant nixtiequ ninfurmawkom li rappreżentanti ta' l-Eagle K-Wear ser ikunu l-iskola biex isir bejgħ ta' uniformi jew ta' xi partijiet minnha, fil-ġranet u ħinijiet hawn taħt imsemmija:

**Il-Ġimgħa, 20 ta' Ġunju mid-disgħa (9.00am) sa nofs in-nhar (12.00am) u**
**l-Erbgħa 25 ta' Ġunju mid-disgħa (9.00am) sa nofs in-nhar (12.00am).**

Hu importanti li kif taslu tiġbru n-numru tagħkom biex b'hekk kulħadd ikun jaf wara min imissu.

# Sk8bord

Il-kumitat ta' l-SDP ta' l-użu tad-drama fl-edukazzjoni (TIE) ħa ħsieb li jtella' xogħol teatrali kreattiv b'temi li jolqtu lill-adolexxenti. L-isem magħżul għal din il-produzzjoni teatrali kien ta' *Sk8bord*.

Intgħażel l-isem *Sk8tbord* biex nuru li kif biex titgħallem issuq skejtbord trid ċertu ammont ta' taħriġ kontinwu u determinazzjoni, hekk ukoll biex nirnexxu fil-ħajja, neħtieġu impenn simili.



It-temi li ġew trattati fi *Sk8bord* kienu varji u ta' interess għall-adolexxenti. Dawn kienu: l-immigrazzjoni irregolari, il-fsied żejjed, in-nuqqas ta' interess fl-iskola, il-moħħ mistrieħ li ssib xogħol lest fin-negozju tal-ġenituri u l-isfida lejn l-awtorità. Żgur li din l-eperjenza kienet ta' siwi kbir għall-istudenti tat-tielet sena, li jkunu għaddejjin minn żmien ta' bidla f'ħajjithom.



Fuq kitba tas-Sur Ray Muscat (assitent kap) u b'direzzjoni ta' K. Scicluna, fi *Sk8bord* taw is-sehem tagħhom kemm studenti u kif ukoll għalliema mill-iskola tagħna. Minbarra li rreċtaw is-sitwazzjoni tagħhom, dawn baqgħu jinterpretaw ukoll il-karattru tagħhom waqt forum teatrali. Dan sar billi wara kull sitwazzjoni, l-istudenti fl-udjenza kellhom ċans li jagħmlu l-mistoqsijiet lill-atturi. Dan kollu kien possibbli permezz tal-fus: il-karattru li ħoloq id-diskussjoni bejn l-atturi u l-udjenza.

Ħajr lil kull min ta sehmu biex din l-attività setgħet tkun suċċess u biex minnha jibbenefikaw l-istudenti.

Il-kumitat TIE

# L’Italiano e la Piazza



*L’Italiano e la Piazza*, titlu li lilna l-għalliema tal-lingwa Taljana ġegħelna naħsbu mhux ftit. Kif stajna nagħtu ħajja lil rappreżentazzjoni li tkun ġusta għal dan it-titlu? Tista’ tgħid li l-pjazza għall-poplu Taljan hi ċ-ċentru ta’ ħajjithom. Tara minn kollox: artisti, bejjiegħa tas-*souvenirs*, individwi jaqraw jew jixxemmxu, tfal jilagħbu, ġuvintur u tfajliet jitkellmu, jiċċajtaw, ikantaw jew jirreċtaw u saħansitra individwi jdoqqu xi strument



mużikali. In-nies, ta’ kull età, razza jew nazzjonalità jmorru fil-pjazza biex jiltaqgħu ma’ nies oħra u jagħmlu ħbieb ġodda. Matul is-sena jseħħu wkoll diversi avvenimenti, popolari anki magħna l-Maltin bħal, per eżempju *Festivalbar*, *Il Palio di Siena* u l-karnival ta’ Venezja. Din hi stampa kemxejn differenti minn dak li s-soltu naraw fi gżiritna. Madankollu anki l-pjazza Maltija fiha s-sabiħ tagħha speċjalment tul is-sajf fejn ma tonqosx xi lejla Maltija u l-briju matul iż-żmien tal-festa tar-raħal. Għalhekk flimkien ma’ l-istudenti ddeċidejna li noħolqu ambjent fejn għal ftit ħin ngħixu dawn l-esperjenzi tant sbieħ imma li mhux dejjem nagħtu kas.




Aħna l-għalliema żammejna dejjem f’moħħna li ċ-ċentru ta’ din l-attività għandhom ikunu l-istudenti. Fil-fatt, dejjem taħt is-superviżjoni tagħna u grazzi wkoll għall-għajnuna prezzjuża ta’ l-għalliema ta’ l-arti, kienu huma li ħolqu l-materjal xeniku fosthom ir–riproduzzjoni eċċezzjonali tal-*Palio di Siena* ta’ l-2006 (xogħol ta’ Darren Portelli) , l-armi tas-17-il kontrada li tinqasam fihom Siena proprju fi żmien dan l-avveniment, il-gondoli, il-maskri tal-karnival ta’ Venezja, il-bar u diversi ċarts bix-xogħol tagħhom stess.



Tista’ tgħid li taw daqqa t’id l-istudenti kollha li għażlu li jistudjaw it-Taljan bħala lingwa barranija kemm jekk tal-Liċeo, tas-Sekondarja kif ukoll tal-Foundation. L-istudenti ħadmu bis-sħiħ b’tali mod li tittella’ rappreżentazzjoni meraviljuża li tirifletti kemm il-livell akkademiku tagħhom kif ukoll dak artistiku. Waqt il-preparamenti u l-provi, l-istudenti daqu ftit mill-ħajja ta’ kuljum fil-pjazza Taljana mqabbla wkoll ma’ dik Maltija imma fuq kollox komplew jitgħallmu jaħdmu fi grupp.

Id-Dipartiment tat-Taljan

# Programm ta’ testijiet ibbażati fl-iskola għall-klassijiet tal-Foundation – Ġunju 2008

**Punti importanti**

- L-1 sessjoni tat-Tlieta, 10 u ta’ l-Erbgħa 11 ta’ Ġunju tibda fit-8.15am u t-2 sessjoni tibda fl-10.15am.
- Matul il-ġranet ta’ l-eżamijiet it-trasport ikun bħas-soltu, minbarra t-Tnejn 16, il-Ġimgħa 20 u l-Erbgħa 25 ta’ Ġunju meta ma jkunx hemm trasport. Il-Ġimgħa 27 ta’ Ġunju t-trasport lura d-dar ikun fl-9.45am.

| | | FORM 1 | FORM 2 | FORM 3 | FORM 4 |
|---|---|---|---|---|---|
| It-Tlieta 10 ta’ Ġunju | L-1 sessjoni | DT HE/GC | DT HE | Studji Ambjentali | Reliġjon |
| | It-2 sessjoni | Reliġjon | **M’hemmx test** | Scientific Literacy | Ingliż |
| L-Erbgħa 11 ta’ Ġunju | L-1 sessjoni | Scientific Literacy | Scientific Literacy | HE | Malti |
| | It-2 sessjoni | Studji Ambjentali | Malti | ICT | D&T HE |
| Il-Ħamis 12 ta’ Ġunju | L-1 sessjoni | Ingliż | ICT | Ingliż | ICT |
| | It-2 sessjoni | ICT | Studji Ambjentali | Taljan | Scientific Literacy |
| Il-Ġimgħa 13 ta’ Ġunju | L-1 sessjoni | Malti | Ingliż | Malti | **M’hemmx test** |
| | It-2 sessjoni | **M’hemmx test** | Reliġjon | Reliġjon | |
| It-Tlieta 17 ta’ Ġunju | L-1 sessjoni | Matematika | **M’hemmx test** | **M’hemmx test** | **M’hemmx test** |
| | It-2 sessjoni | **M’hemmx test** | | | |
| Il-Ħamis 19 ta’ Ġunju | L-1 sessjoni | **M’hemmx test** | **M’hemmx test** | Matematika | **M’hemmx test** |
| | It-2 sessjoni | | | **M’hemmx test** | |
| It-Tnejn 23 ta’ Ġunju | L-1 sessjoni | **M’hemmx test** | **M’hemmx test** | **M’hemmx test** | Matematika |
| | It-2 sessjoni | | | | **M’hemmx test** |
| It-Tlieta 24 ta’ Ġunju | L-1 sessjoni | **M’hemmx test** | Matematika | **M’hemmx test** | **M’hemmx test** |
| | It-2 sessjoni | | **M’hemmx test** | | |

**Taqsir il-kliem**
DT (Design & Technology)
HE (Home Economics)
GC (Graphical Communication)

# Is-sena Ewropea tad-Djalogu Interkulturali fl-iskola tagħna




Kif forsi diġà għidnielkom qabel din is-sena fl-iskola saru diversi attivitajiet minħabba li kienet is-sena Ewropea tad-Djalogu Interkulturali.

Il-Klabb Kulturali li jiltaqa' waqt l-Activity Period kellu rwol iktar importanti fl-iskola minħabba li fih l-istudenti membri jitgħallmu fuq pajjiżi u kulturi diversi b'metodi differenti, ġieli jsajru, ġieli jagħmlu krafts u anke drama u mużika.



Għat-tieni sena konsekuttiva, il-Jesuit Refugee Service ġew mistiedna fl-iskola u għamlu attivitajiet diversi ma' l-istudenti tat-tielet sena. Fil-brejk kien qed jiltaqa' l-grupp tat-Teen's Club. L-istudenti ta' dan il-grupp ħadmu ħafna biex jaraw iktar djalogu bejn il-kulturi. Fost l-attivitajiet li għamlu u li kollha qalu li se tibqa' stampata f'moħħhom kienet iż-żjara f'Ħal Far Open Centre. Hemmhekk huma ltaqgħu ma' nies Afrikani minn ħafna pajjiżi differenti, tkellmu dwar il-kultura u anke tradizzjonijiet differenti. L-istudenti anke lagħbu logħba futbol mat-tfal immigranti u fl-aħħar kielu wkoll l-injera (ikla Etjopjana).



Xi studenti mill-iskola tagħna anke żaru l-ITS fejn kellhom l-opportunità jiltaqgħu ma' kokijiet minn pajjiżi differenti u anke daqu ħafna platti fosthom mis-Serbja, mill-Ukrajna, min-Niġerja u miċ-Ċina.

Matul April, l-istudenti tat-Teens' Club kienu impenjati ħafna peress li lkoll ħadmu biex lestew kalendarju mimli artikli, ritratti u anke CD. B' dan il-kalendarju u xi artikli li kitbu l-istudenti ħadu sehem fil-kompetizzjoni ta' Spring Day u anke rebħu l-ewwel premju. Bħala premju, l-istudenti se jmorru jżuru l-Parlament Ewropew fi Strasburgu.



Jalla d-dinja kollha tifhem li permezz tad-djalogu ikun hawn ħafna iktar paċi u ftehim bejn in-nazzjonijiet.

C. Elshout

# Esperjenza tal-ħajja rurali fil-Manikata

F'Mejju d-dipartiment tal-Malti organizza ħarġa edukattiva f'razzett tipiku Malti fil-Manikata għall-istudenti ta' l-Ewwel Sena. Din l-esperjenza torbot sew mal-proġett fuq il-folklor Malti li jagħmlu l-istess studenti.

Fil-Manikata l-istudenti setgħu jaraw annimali, prodotti agrikoli u ħxejjex li wieħed isib f'ambjent rurali Malti. Matul iż-żjara l-istudenti kienu ggwidati minn persuna midħla sew tal-post li mliet din l-esperjenza b'ħafna tagħrif interessanti. Uħud mill-istudenti kellhom ukoll iċ-ċans jitimgħu lin-ngħaġ.



Bini partikolari li stajna naraw kien dak li jsejħulu razzett komunitarju. Dan inbena fi żmien il-kavallieri u fih kienu joqogħdu madwar tmintax-il familja. Dan inbena bi skop biex in-nies ma joqogħdux jivjaġġaw mill-Mosta kuljum. Kull familja kienet tokkupa kamra waħda minn dan il-bini. Ma jonqosx ukoll li f'dan l-ambjent wieħed jara girna li fiha l-bidwi seta' jerfa' l-għodda jew jistrieħ xi ftit fiha. Rajna wkoll għerien fejn ukoll kienu joqogħdu n-nies li kienu jaħdmu f'dawn l-irziezet.



F'din iż-żjara l-istudenti raw id-differenzi li jeżistu bejn ir-raba' saqwi u x-xagħri. Fix-xagħri rajna blat li fih hemm ħxejjex u pjanti li jitilgħu bla ebda tisqija bħas-sagħtar, il-kappar u ż-żebbuġija, pjanta li tgħix bl-ilma tan-nida. Imbagħad fir-raba' saqwi stajna ninnutaw is-sistema ta' irrigazzjoni li biha l-bdiewa jsaqqu l-prodotti tagħhom.



Lok interessanti ieħor li żorna kien beachpost mibni fl-1935 mill-awtoritajiet militari Ingliżi minħabba l-biża' li Mussolini jattakka lil Malta. Stajna ninnutaw il-ħsieb kif inbniet din il-fortifikazzjoni żgħira: minn barra l-ġebel qisu ta' girna biex ma tagħtix wisq fil-għajn waqt li minn ġewwa hi magħmula b'konkos u bi twieqi nofs ċirku apposta jħarsu fuq il-bajja ta' Għajn Tuffieħa. Kellna wkoll l-okkażjoni ninżlu fil-fortifikazzjoni u minnha naraw il-veduta sabiħa tal-bajja.



Fl-aħħar l-istudenti żergħu wkoll pjanta li ħadu magħhom id-dar biex ikunu jistgħu jinnutaw il-proċess tat-tkabbir tax-xitla. Ingħataw ukoll ħobż biż-żejt, ilma frisk u frotta, l-ikla tradizzjonali tal-bidwi u r-raħħal Malti. Qabel tlaqna l-gwida wrietna wkoll xi oqbra Rumani li nstabu fil-post u niżżlitna wkoll f'wieħed minnhom. Fi kliem l-istudenti nfushom din kienet waħda mill-iżjed ħarġiet interessanti li kellhom matul din is-sena skolastika.

J. Brincat
Għalliem tal-Malti

# Il-Ġimgħa tal-Librerija
# 21-25 ta' April 2008

Fil-Ġimgħa ddedikata lil-libreriji, il-librerija ta' l-iskola tagħna ħadet ħsieb torganizza diversi attivitajiet. Il-ġimgħa bdiet b'attività fil-librerija bl-isem *Il-Karta: Mis-Siġra għall-Ktieb*, fejn Johann Gatt (Koordinatur ta' Ekoskola) għamel taħdita dwar l-importanz tal-karta u anki ta dimostrazzjoni kif issir il-karta riċiklata.

Mistieden ieħor kien Trevor Zahra, wieħed mill-aktar awturi popolari ma' l-istudenti, fejn kellimhom dwar l-imħabba tiegħu għall-qari u għall-kitba. Bosta studenti ġew jiltaqgħu ma' dan l-awtur fil-brejk fejn anki ffirmalhom xi kotba minn tiegħu li ġabu magħhom mid-dar.

F'din il-ġimgħa kienet ukoll organizzata fiera tal-kotba fil-librerija, it-tieni waħda għal din is-sena. Kienu ħafna dawk l-istudenti li xtraw ktieb minn din il-fiera u tant kien hemm rispons tajjeb li kellna nestendu din l-attività b'ġimgħa oħra. Bil-qligħ li ħalliet din il-fiera se jinxtraw kotba u materjal edukattiv ieħor għall-istess librerija.



Fl-aħħar u mhux l-anqas il-librerija ħadet ħsieb li tikkoordina ma' diversi dipartimenti fl-iskola fejn saru lezzjonijiet relatati mal-kotba, il-qari u l-letteratura. Fost dawn kien hemm id-dipartimenti tal-lingwi li kkontribwew b'ħafna materjal li ttella' wkoll f'esibizzjoni mdaqqsa fid-daħla ta' l-iskola. Kienu organizzati wkoll żewġ kompetizzjonijiet. Id-dipartiment ta' l-Arti ħa ħsieb kompetizzjoni fejn l-istudenti kellhom jiddisinjaw qoxra ta' ktieb, filwaqt li d-dipartiment ta' l-Informazzjoni u Komunikazzjoni Teknoloġika (ICT) ħadem fuq kompetizzjoni fejn l-istudenti ddisinjaw u ħolqu werrejja (*bookmarks*) oriġinali.



Kienu ġimagħtejn impenjattivi ħafna għal-librerija ta' l-iskola imma li żgur ħallew il-frott tagħhom. Grazzi speċjali tmur għal S. Camilleri, għalliem ta' l-Arti, u l-istudenti tiegħu, li ħadmu fuq it-tifkiriet li ngħataw lill-mistednin. Grazzi lill-amministrazzjoni u l-għalliema kollha tal-kooperazzjoni tagħhom.



D. Agius Muscat
A. Cutajar
M. Zahra Sacco
Għalliema Librara

